# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 202/2015 SM**

**Conduct AS socjeta` kummercjali registrata fin-Norvegja**

**vs.**

**Otto Malta Limited**
**(C – 44085)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-4 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi hi kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' hames mija u wiehed u hamsin elf, u tmienja u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu, (€551,048.88), a bazi ta' sentenza tal-Qorti Distrettwali t'Oslo, in-Norvegja, datata l-10 ta' Settembru, 2012, (ara foll 5);

1.2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta s-sorte, l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji kif indikat fl-istess rikors promotur;

1.3. Illi s-sentenza fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), ghaddiet in gudikat u allura enforzabbli, (ara foll 24);

1.4. Illi s-socjeta` rikorrenti tixtieq li l-istess sentenza tigi ezegwita fil-konfront tas-socjeta` intimata skont il-ligi;

1.5. Illi ghal dan il-ghan inhareg id-dokument rilevanti taht il-Konvenzjoni appozita u taht ir-Regolamenti Ewropej Numru EC44/2001 ta' l-Unjoni Ewropea, kif sostitwit b'dak Numru EU 1215/2012, (ara foll 25);

1.6. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex din:

1.6.1. Tordna s-sentenza tal-Qorti Norvegiza datata l-10 ta' Settembru, 2012, fuq riferita tigi enforzata f'Malta fil-konfront tas-socjeta` intimata;

1.6.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

3. Sodisfatta li r-rekwiziti tar-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea fuq indikati gew kollha rispettati;

4.0. Ghaldaqstant, tqis lis-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, anke minhabba l-fatt li s-socjeta` intimata baqghet fi stat ta' kontumacja:

**DECIDE:**

4.1. Tordna li s-sentenza tal-Qorti Norvegiza fuq riferita datata l-10 ta' Settembru, 2012, tigi enforzata f'Malta fil-konfront tas-socjeta` intimata Otto Malta Limited;

4.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**